MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' April, 2006

Numru 1112/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Bonello**

v

**JOSETTE CASSAR**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **JOSETTE CASSAR** ta’ tmienja w tletin sena bint George Spiteri u Filomena nee Salba, marti Dominic, imwieleda Pieta nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 1967 u residenti 19, Triq il-Qalb Imqaddsa, Santa Venera, detentrici tal-karta tal-identita numru 0306367M giet imressqa quddiemha akkuzata talli fl-erbatax ta’ Dicvembru 2005, ghal habta tat-tlieta neqsin kwart ta’ wara nofsinhar fil-Hamrun;

1. Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b’hekk ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra Antonella Cardona persuna nkarigata minn servizz pubbliku waqt li hija kienet qed tagixxi ghal esekuzzjoni ta’ dan s-servizz;

2. Talli fl-istess perjodu, zmien, hin, lok u cirkostanzi, kkagunat griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Antonella Cardona skond kif iccertifika Doctor Christopher H. Muscat MD;

3. Talli fl-istess perjodu, zmien, hin, lok u cirkostanzi, hebbet ghal Antonella Cardona sabiex tingurjha, iddejjaqha jew tghamlilha hsara;

4. Talli fl-istess perjodu, zmien, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament kisret il-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li taghti l-piena skond l-ligi, biex tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija Antonella Cardona flimkien mal-piena torbot lil hatja b’obbligazzjoni taghha nnifsha taht penali li jidhrilha xieraq.
Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nahr l-ewwel ta’ Frar 2006 [fol 31].

Semghet lil imputata tiddikjara li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta’ nhar t-tlieta ta’ April 2006 [fol 47].

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tlieta ta’ April 2006, meta rega’ sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 48].

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputata wiegbet li hija hati din l-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tagha u tatha zmien xieraq biex jekk trid terga lura minnha u kien wara li staqsietha t-tieni

darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.
Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputata, l-Qorti tiddikjara li qed issbha hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputata tixhed minn jeddha b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha ta' Jannar 2006 **xehed l-Ispettur Mario Bonello** [fol 11] fejn qal li fl-erbatax ta' Dicembru 2005, kellu rapport minghand ghalliema Antonella Cardona li dakinhar stess hija kienet giet aggredita minn certa Josette Cassar ghal habta tat-tlieta neqsin kwart ta' wara nofsinhar. Qal li ghalhekk kien baghat ghal imputata fejn hadilha stqarrija li fiha qaltlu li kellha xi tghid mal-imsemmija ghalliema ghaliex kienet sawtet lil binha u ziedet tghidlu wkoll li qabditha mill-mufler. Qal li hu kellem wkoll lil ghalliema li gabitlu certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor Chris Muscat fejn iccertifikha li kellha griehi ta' natura hafifa. Ix-xhud esibixxa l-istqarrija tal-imputata li giet mmarkata bhala dokument MB [fol 13] u c-certifikat mediku imsemmi li gie mmarkat bhala dokument MB 1 [fol 14].

Illi nhar d-disgha ta' Jannar 2006 **xehed Doctor Chris Muscat** [fol 16] fejn ikkonferma c-certifikat mediku rilaxxjat minnu esibit fl-atti bhala dokument MB 1 [fol 14]. Qal li dan ic-certifikat kien gie rilaxxjat minnu stess nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 fil-konfront ta' Antonella Cardona.

Illi nhar d-disgha ta' Jannar 2006 **xehed PS 201 Sandro Magro** [fol 18] fejn qal li fl-erbatax ta' Dicembru 2005 ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar kienet marret l-ghassa Antonella Cardona w irrappurtat li kienet giet aggredita minn Josette Cassar l-imputata odjerna. Qal li hu ha l-okkorrrenza relattiva li esibixxa bhala dokument PS [fol 20].

Illi nhar d-disgha ta’ Jannar 2006 **xehdet WPC 125 Chantelle Mallia** [fol 23] fejn wara li rat d-dokument MB li hija stqarrija rilaxxjata mill-imputata odjerna, ikkonfermat li din ittiehdet fil-presenza taghha wara li l-imputata giet moghtija s-solita twissija. Hija gharfet l-firma taghha, dik tal-imputata presenti fl-awla kif wkoll tal-Ispettur Mario Bonello fuq l-imsemmija stqarrija.

Illi nhar d-disgha ta’ Jannar 2006 **xehdet Antonella Cardona** [fol 25] fejn qalet li hija tokkupa l-kariga ta’ ghalliema fl-iskola Hamrun Primary maghrufa bhala Dun George Preca School li tinsab fil-Hamrun. Qalet li hi tghallem l-istudenti tal-Year 6 u cioe studenti ta’ ghaxar snin. Mistoqsija jekk tgharafx lil imputata odjerna x-xhud wiegbet fl-affermattiv. Qalet li tafha bhala omm wiehed mill-istudenti li jismu Michael Cassar. Qalet li nhar l-erbatax ta’Dicembru 2005, waqt li kienet hierga mill-klassi, ghal habta tat-tlieta neqsin kwart ta’ wara nofsinhar, l-imputata bdiet tghajjat maghha minn naha tat-triq l-ohra. Ziedet tghid li fil-mument, l-imputata qasmet t-triq u spiccat ma gembha. Qalet li hi xtaqet li tevita lil imputata ghaliex ma kienetx l-ewwel darba li bdiet tghajjat maghha u sussegwentement l-imputata qabditha minn ghonqha. Kompliet tghid li hi mbuttatha lil hinn u telghet tigri fl-ufficju. Qalet li hi dak l-hin kienet sejra tirkeb il-karozza.

Mistoqsija mill-Qorti ghaliex l-imputata ghamlet hekk, ix-xhud wiegbet li ma kienetx taf ghaliex. Qalet li l-imputata bdiet toffendiha u bdiet tallega li kienet sawtet lit-tifel taghha, pero dan ma kienx minnu. Kompliet tghid li hi kif telghet fl-ufficju bdiet tibki u qalet li *headmistress* b’dak li kien gara u din ippruvat tikkalmha u wara marret taghmel rapport l-ghassa u wara marret ghand t-tabib. Meta giet murija c-certifikat mediku esibit bhala dokument MB 1, x-xhud ikkonfermat li l-feriti deskritti f’dan ic-certifikat kienet sofriethom hi f’dan l-incident. Qalet li minn dakinhar l-imputata ma kellimithiex aktar. Ziedet tghid li l-ghada tal-incident, t-tifel ma keinx mar skola ghaliex kellu certifikat mediku. Qalet li taf li l-imputata u xi genituri ohra marru jaghmlu rapport lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni li hi kienet sawtet xi tfal u dan saret tafu minghand l-*headmistress*. Qalet li hi dokument ufficjali mid-Dipartiment tal-

Edukazzjoni qatt ma rcievet f'dan is-sens. Qalet li hi kienet staqsietha jekk kienetx sawtet lit-tifel u hi wegbitha li ma kienetx u fil-fatt hi qatt ma sawtet lit-tfal. Qalet li hi ghandha *facilitator* maghha u din tista tikkonferma li hi qatt ma sawtet tfal. Qalet li generalment, meta tfal jiggieldu bejniethom, hi twaqqafhom, tidhol f'nofshom biex tferraqhom, pero qatt ma ssawwathom. Qatt ma kien hemm okkazzjoni fejn gie mbuttat xi tifel.

Mistoqsija jekk tafx minn hija Julie Mazzitelli, x-xhud qalet li ma tafx u qatt ma tkellmet ma xi hadd b'dak l-isem. Qalet li fil-klassi taghha ghandha tifel jismu Christian Mazzitelli pero x'jisimha ommu ma tafx. Qalet li gieli kellmitha bhala Mrs Mazzitelli. Cahdet dak li gie suggerit mid-difiza li hi qaltilha li kienet sawtet xi tfal u li kienu tkellmu biss fuq xi glieda li kienet saret bejn t-tfal stess. Qatt ma kien hemm xi genitur li mar jallega maghha li kienet sawtet xi tfal. Cahdet wkoll li hi qatt qalet lit-tfal li ma kienetx ser issawwathom aktar u lanqas qalet xi diskors f'dan is-sens.

Illi nhar l-hmistax ta' Marzu 2006 **xehdet l-imputata minn jeddha b'mod voluntarju** [fol 34] fejn qal li darba minnhom t-tifel taghha kien mar d-dar u qalilha li t-*teacher* kienet qabditu minn idejh u sabbtitu ma *cupboard* w ghalhekk l-ghada filghodu marret l-iskola. Qalet li lit-tifel staqsietu kemm il-darba jekk kienx minnu jew le li kien issawat mit-*teacher*. Qalet li l-ghada filghodu kienu marru hafna tfal jigru fuq t-tifel jistaqsuh jekk kienx ghaddielu u meta staqsiet lil dawn it-tfal x'kien gara, dawn ikkonfermaw dak li kien qalilha binha. Ghalhekk, kompliet tghid x-xhud, marret sabet lit-*teacher* u staqsietha ghaliex kienet ghamlitlu hekk lil binha u t-*teacher* innegat li kienet ghamlet hekk. Qalet li lit-*teacher* qaltilha li t-tifel ma kienx mignun u li l-kliem li kien qalilha, qaluhulha wkoll tfal ohra pero t-*teacher* bdiet tghidilha li t-tifel kien wiehed kwiet. Qalet li hi qaltilha "kwiet w issawwtu ahseb w ara kieku kien imqareb x'kont tghamillu." Qalet li t-*teacher* qaltilha li tfal ohra bdew jinbxuh u hu pattihilhom. Qalet li wara marret tkellem lil *headmistress* biex tghidilha x'kien gara, pero ma setghetx ghaliex kellha xi nies ohra jitkellmu maghha. Qalet li t-*teacher* kienet taghtu daqqa f'rasu u

habtitu mal-hajt, skond kif qalilha t-tifel. Qalet li hi u zewg ommijiet ohra kienu marru l-Education biex ikellmu lil Mrs Hampton, pero peress li kellha *prize day* dakinhar, ma sabuhiex hemmhekk. Qalet li kienu marru l-Education peress li l-*headmistress* ma kienetx temminhom. Ziedet ghid li darba minnhom Keith Mazzitelli kien hareg b'gundalla f'rasu wara li t-*teacher* kienet sabbtitlu rasu ma hajt. Qalet li lil Darren Azzopardi t-*teacher* kienet qaltlu biex imur igib lil missieru, meta missieru kien mejjet. Qalet li kien hemm tifel iehor Kieran fil-klassi tat-tifel, li kemm il-darba t-*teacher* sawtitu wkoll u kemm t-tifel kien qalilha b'dan kif wkoll l-istess Kieran u meta fil-fatt kien hemmhekk li cemplet lin-nanna ta' Kieran, biex imorru flimkien l-Education. Qalet li t-tifel kienu nehhewh minn dik l-iskola u haduh Santa Venera. Qalet li t-*teacher* kienet tghidlu biex imur igib lil ommu ghaliex ma kienetx tibza minnha u darba ohra lit-tifel bdew isawwtuh is-subien fl-klassi, tefghuh ml-art u bdew jaghtuh bis-sieq u t-*teacher* m'ghamlet xejn biex izzommhom.

Kompliet tghid li wara l-incident t-tfal kellhom *concert* tal-Milied w ghal habta tas-siegha neqsin kwart kienet ghadha hemm u hareg t-tifel jibki mill-iskola u kien qalilha li t-*teacher* kienet habbtitlu rasu mal-art. Ghalhekk, kompliet tghid x-xhud, stenniet lit-*teacher* hierga u regghet wissitha biex ma tmissux u qabditha mill-i*scarf* li kellha u qaltilha "*meta jkollok tieghek, ghamel li trid pero lil tieghi tmissux.*" Cahdet li qatt messitha lil ghalliema.

Illi nhar l-hmistax ta' Marzu 2006 **xehdet Julie Mazzitelli** [fol 37] fejn qalet li hi tigi omm Christian Mazzitelli li ghandu ghaxar snin u jmur l-iskola Mons Gorg Preca fil-Hamrun. Qalet li xi zmien ilu kellha incident mal-ghalliema tat-tifel, Antonella Cardona. Qalet li waqt li kienet qed tahsel lil binha, sabitlu gundalla u meta staqsietu biex kien spicca bil-gundalla, binha qalilha li kienet t-*teacher* li habtitlu rasu mal-hajt u kienet qaltlu '*hudha la tridha*'. Qalet li t-tifel qalilha li t-*teacher* wara kienet qaltlu "*sorry, Happy Christmas*". Qalet li sussegwentement hi kienet marret titkellem mal-*assistant head* dwar dan. Qalet li lil din l-ghalliema kulhadd jismaghha tghajjat mat-tfal u gieli anke semghetha hi.

Qalet li f'dak l-perjodu kien t-tifel tal-imputata, Michael li kienet taqbad mieghu t-*teacher* u dan skond ma kien jghidilha binha stess.  Qalet li binha kien jghidilha li t-*teacher* kienet thabbat ras Simone, tifla ohra fil-klassi. Qalet li darba minnhom lit-tifel kienu harguh fil-bitha u *teacher* qalet lit-tfal l-ohra biex joqghodu jidhqu bih ghaliex hu nanu.  Qalet li meta marret tistaqsi tfal ohra dwar dan, dawn qalulha li huma ma dahqux bih, avolja t-*teacher* kienet tghidilhom jaghmlu hekk.  Qalet li t-Tnejn ta' qabel t-*teacher* anke ghajjret lil binha trux u keccietu mill-klassi. Qalet li hi marret l-Education ma l-imputata kemm il-darba u maghhom kien hemm genituri ohra u fil-fatt kienu kitbu ittra lil Education fejn talbuhom jiehdu passi kontra t-*teacher* qabel ma tghallihom pero qatt ma ttiehdu passi u t-*teacher* kienet ghadha hemmhekk.

Illi nhar l-hmistax ta' Marzu 2006 **xehdet Rita Azzopardi** [fol 39] fejn qalet li hi ghandha tifel ta' ghaxar snin li jismu Darren u kien fil-klassi ta' iben l-imputata.  Qalet li darba minnhom binha kien qalilha li t-*teacher* kienet kecciet lil bin l-imputata mill-klassi ghal xejn.  Qalet li t-*teacher* tghajjat ghal kull haga ta' xejn u ma ssibx tarf taghha. Qalet li binha kien jghidilha li kienet tghajjar lil Christian Mazzitelli nanu ghaliex kien qasir, u li trid tkeccih mill-iskola.  Qalet li peress li t-*teacher* tghajjat hafna, t-tfal imdejjqin biha.

Illi nhar l-hmistax ta' Marzu 2006 **xehdet Rita Attard** [fol 41] fejn qalet li hi ghandha tifel jismu Darren Attard u li kien ikun fl-istess klassi tat-tifel tal-imputata.  Qalet li binha kien jghidilha li t-*teacher* kienet habbtet ras t-tifel tal-imputata u li darba minnhom sabbtet riga w inqasmet u li tghajjat hafna.  Qalet li fil-fat t-*teacher* kienet staqsiet lit-tifel jekk kienx sejjer l-Qorti u qabditlu mill-flokk.  Qalet li m'ilux kellhom laqgha tal-Junior Lyceum u qalu lil genituri sabiex jiehdu passi kontra t-*teacher*, pero ma riedux. Qalet li mhux l-ewwel darba li binha kien  imur d-dar u jghidilha li t-*teacher* imbuttat w ghajjtet ma bin l-imputata. Qalet li hi wkoll kienet marret l-Education biex tirrapporta lit-*teacher* u kienu qalulhom biex jiktbu ittra u ghalkemm kitbu, xorta ma ttiehdux passi.  Qalet li kienu marru mill-

ewwel, qabel l-incident in kwistjoni, appena bdiet taqbad t-*teacher* maghhom l-ewwel darba.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju li fuq ammissjoni tal-imputata stess, l-akkuzi kollha jirrizultaw ppruvati.

Pero l-Qorti xejn ma hija konvinta b'dak li semghet dwar il-komporament tal-ghalliema imputata mat-tfal fi skola primarja w ghalhekk thoss li ghandha tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Edukazzjoni sabiex jindirizza l-ilmenti kollha li hemm fuq din l-istess ghalliema.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputata li hija wahda netta, bla ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha w ghalhekk ghandha tqis lil imputata bhala *a first time offender*.

Qieset wkoll n-natura tal-kaz u cioe li l-incident kien wiehed zghir w izolat.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-artikolu 95, 96, 221, 383, 339(b)(d)(e), 338(dd), 17(c), 20, 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li qed ssib lill-imputata JOSETTE CASSAR hatja** tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha u **tikkundannaha ghal hlas ta' multa ta' mija u hamsin [150] lira maltin.**

Oltre dan tiddecidi li **tpoggiha taht ordni ta' supervizzjoni ta' Ufficjal tal-Probation ghal perjodu ta' sentejn [2] taht s-segwenti kundizzjionijiet**:

**1. L-imputata probationer ghandha, matul dan il-perjodu ta' probation ta' sentejn [2], iggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser tigi nominata mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal thoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. Illi l-imputata probationer ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominata skond d-direttivi li din taghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment, hija ghandha, jekk l-istess Probation Officer tkun trid hekk, tircievi zjarat min ghandha fid-dar fejn qed tirrisjedi;**

**3. Illi l-imputata probationer ghandha tghix fir-residenza taghha tul l-perjodu kollu ta' sentejn [2] u tkun tista tbiddel tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation;**

**4. Illi l-imputata probationer ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominata kull sitt [6] xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputata probationer;**

**Il-Qorti qeghda wkoll tobbliga lil imputata li ma timmolestax u ma tingurjax lil Antonella Cardona ghal perjodu ta’ sena mill-lum ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta taht penali ta’ mitt lira maltin fin-nuqqas.**

Il-Qorti spjegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputata u x'jigri jekk tonqos li tosservaha u l-imputata ddikjarat li fehmet ben tajjeb.

**Il-Qorti tordna li kopja ta’ din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Edukazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------